MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 806/2007

Kunsill Lokali Naxxar
vs
Karkanja Limited (C27062)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-Kunsill rikorrenti li bih espona:

1. Illi s-socjeta` konvenuta qed twettaq xogholijiet ta’ konstruzzjoni go fond fi Triq Nutar Debono kantuniera ma’ Triq il-Parrocca, Naxxar;

2. Illi dawn ix-xogholijiet bdew f’Ottubru tas-sena 2005 u ghadhom ghaddejin sal-lum u matul dawn ix-xogholijiet qed isir depozitu ta’ materjal fuq il-bankina u fuq it-triq, fil-post hawn fuq imsemmi;

3. Illi sabiex isir dan id-depozitu ta' materjal jehtieg permess mill-Kunsill Lokali tal-Lokalita`, fejn qeghdin isiru dawn ix-xogholijiet, f'dan il-kaz il-Kunsill Lokali Naxxar u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002 u Artiklu 3 ta' Skeda C ta' l-istess Avviz Legali li tistipula li jrid isir hlas mill-applikant ta' lira Maltija (Lm1) kull metru kwadru kuljum ghall-perjodu kollu meta jkun hemm depozitu ta' materjal;

4. Illi s-socjeta` konvenuta b'mod abbuziv u illegali iddepozitat materjal fuq il-post hawn fuq imsemmi minghajr ma akkwistat permess mill-Kunsill Lokali Naxxar u ghalhekk naqset milli thallas ir-rata stipulata fl-Avviz Legali ta' lira Maltija (Lm1) kull metru kwadru;

5. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, kemm verbalment kif ukoll permezz ta' korrispondenza, u ittra ufficjali numru 2328/07 datata 15 ta' Gunju 2007, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u sal-lum la ghandha permess u wisq inqas qed thallas ghad-depozitu ta' materjal;

Il-Kunsill rikorrenti talab lill-Qorti biex:

1. Tghaddi sabiex tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa abbuziv u illegali u dan ghaliex ma akkwistatx il-permess necessarju sabiex isir id-depozitu ta' materjal u dan *ai termini* ta' Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002;

2. Tghaddi sabiex tillikwida d-danni *ai termini* ta' Artiklu 3 ta' Skeda C ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002;

3. Tghaddi sabiex tordna l-hlas tad-danni hekk kif likwidati kontra s-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra ufficjali numru 2328/07 datata 15 ta' Gunju 2007 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Kunsill rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Karkanja Limited li biha esponiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-Kunsill Lokali attur;

2. Illi b'mod partikolari, is-socjeta` intimata ma ddepositat ebda materjal ta' kostruzzjoni fuq il-bankina jew fuq it-triq u kwindi ma ghandha thallas ebda ammonti *ai termini* ta' l-Avviz Legali 119/2002;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, *datum sed non concessum*, jista' jigi ritenut li s-socjeta` intimata verament iddepositat xi materjal fuq it-triq, l-ammont pagabbli minnha ghal tali depozitu ma jkunx pagabbli in linea ta' danni bensi *ope legis* bhala mizata. Kwindi, l-azzjoni odjerna, illi hija kawza ghall-hlas ta' danni, presumibilment akwiljani jew kwazi, hija irrita u nulla u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kollha kontra l-Kunsill Lokali attur;

4. Illi b'riferenza specifika ghal kull paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta` intimata tiddikjara li l-ewwel paragrafu huwa korrett;

5. Illi t-tieni paragrafu mhux korrett ghaliex mhux minnu li fil-kors tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwit mis-socjeta` intimata qieghed 'isir deopsitu ta' materjal fuq il-bankina u t-triq,' fil-post imsemmi fic-citazzjoni;

6. Illi per konsegwenza d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 119/2002, u l-Artikolu 3 ta' Skeda C ta' l-imsemmi Avviz Legali m'humiex applikabbli fil-konfront tas-socjeta` intimata;

7. Illi r-raba' paragrafu lanqas ma huwa korrett ghaliex bhal ma gia intqal fuq, is-socjeta` intimata ma iddepositat ebda materjal fuq il-post, u kwindi ma ghandha thallas ebda ammont lill-Kunsill Lokali attur;

8. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` intimata irrifjutat li thallas l-ammont mitlub mill-Kunsill Lokali u kien ghalhekk illi hija dejjem irrigettat il-pretensjonijiet tal-istess Kunsill Lokali kif dedotti fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet;

9. Illi finalment, b'riferenza ghall-istess tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat, is-socjeta` intimata talbet l-isfilz ta' l-istess lista tax-xhieda peress li ma hemmx dikjarat, b'riferenza ghal kull xhud, l-iskop illi ghalih dak ix-xhud sejjer jigi ingunt, u spjegazzjoni fid-dettall tas-suggett illi dwaru dak ix-xhud partikolari sejjer jixhed.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Paul Gatt, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, fejn issemma li kull tip ta' depozitu ta' materjal, sew jekk hu materjal uzat ghal kostruzzjoni jew bini ta' hajt 'il barra mis-sit ta' kostruzzjoni, li jesporgi fuq il-bankina jew fuq it-triq, huwa regolat mill-provedimenti ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002. Partikolarment, f'dawn ic-cirkustanzi wiehed ghandu jirreferi ghall-Artikolu 7(1) ta' l-imsemmi Avviz Legali li jistipula li:

“Hadd ma jista’ jqieghed jew ihalli li jitqieghed depositu ta’ materjal tal-bini jew materjal iehor jew xi oggetti f’xi triq, minghajr il-permess tal-Kunsill lokali.”

Kull min jaghmel depozitu ta’ materjal ta’ dan it-tip f’toroq jew bankini, ghandu qabel ma jaghmel id-depozitu, japplika ghal permess mill-Kunsill Lokali koncernat. Din l-applikazzjoni ghandha jkollha d-dettalji msemmija fil-ligi.

Illi sabiex applikant jottjeni dan il-permess huwa ghandu jaghmel hlas ta’ zewg Ewro u tlieta u tletin centezmu (€2.33) ghal kull jum jew parti minnu li hemm dan id-depozitu ghal kull metru kwadru jew parti minnu okkupat minn dan id-depozitu. Dan il-hlas huwa stipulat mill-Artikolu 3 ta’ Skeda C ta’ l-Avviz Legali hawn fuq imsemmi:
“Ghal depozitu ta’ materjal tal-bini jew materjal iehor jew xi oggetti f’xi triq ghal kull m2 (metru kwadru) jew parti minnu, ghal kull jum jew parti minnu - Lm1”

L-applikant ikun ukoll obbligat skond l-Artikolu 7(3)(a) u (c) ta’ l-Avviz Legali hawn fuq imsemmi, li jqieghed dawl adegwat ma’ nzul ix-xemx fuq il-materjal depozitat u li jaghmel dawk il-marki kollha li jkunu necessarji sabiex jigi evitat kull periklu.

Fit-23 ta’ Settembru 2005, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar ircieva ittra minghand il-Perit Reuben Aquilina dwar twaqqigh ta’ bini, gheluq tat-triq u tpoggija ta’ blokki tal-konkos madwar is-sit kollu fejn se jsir ix-xoghol. Fl-istess gurnata, intbaghatet ittra lid-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku (lid-Direttur Audrey Testaferrata de Noto) sabiex tigi infurmata bl-arrangamenti li se kienu ser isiru dwar it-‘*traffic management*.’

Jaf li s-socjeta` intimata Karkanja Limited ilha mis-27 ta’ Ottubru, 2005 sal-14 ta’ Ottubru, 2008 taghmel zvilupp fi Triq il-Parocca kantuniera ma’ Triq Nutar Debono, in-Naxxar. Matul dan l-izvilupp is-socjeta` intimata bniet hajt ’il barra mill-imsemmija proprjeta` u li tisporgi fuq il-bankini ta’ l-imsemmija toroq u tefghet ukoll oggetti u affarijiet ohra uzati fil-bini u kostruzzjoni, minghajr ma qatt applikat

ghall-permess u minghajr ma hallset l-ammont dovut lill-Kunsill skond l-Avviz Legali 119 ta' l-2002.

Bejn it-28 ta' Ottubru, 2005 u l-2007 t-tul ta' dan il-hajt kien l-istess tul tal-proprjeta` kollha, u cioe` tul ta' tnejn u erbghin metru (42m) u li johrog distanza ta' sitta u tmenin centimetru (86cm) fuq il-bankina, tant illi l-hajt ha l-wisa kollu tal-bankina.

Semma li diversi drabi attiraw l-attenzjoni ta' dan kollu lis-socjeta` intimata kif ukoll intbaghtu *invoices*, izda kollha ghal xejn. Irrefera ghall-hrug ta' *Enforcement Notice* numru ECF 758/07 u li 'bhalissa l-kuntrattur qieghed jirranga l-kwistjoni tal-linja u li ghandu jsahhah il-bazi li tigi taht il-bankina.' Minbarra l-linja irrizulta li anke l-gallariji ma kienux skond il-permess.

Anness ma' dan l-affidavit, Dok. D, hemm prospett ta' l-ammont globali dovut lil Kunsill Lokali Naxxar, liema prospett juri kif inhu maqsum l-ammont li jammonta €52,716. Anness mal-affidavit tieghu hemm ukoll Dokument E, li juri l-kronologija tal-fatti spjegati hawn fuq.

Xehed <u>Clifton Fenech</u> *Works Officer* mal-Kunsill Lokali Naxxar bejn l-2005 u l-2008. Irrefera ghal-laqghat li saru mas-socjeta` intimata. Semma li minhabba certu blokok tal-*concrete* li tqeghdu, din it-triq kienet giet imblukkata. Irrefera ghar-ritratti esebiti u qal li dawk ir-ritratti hadhom hu personalment.

Xehed <u>Emanuel Bonnici</u>, direttur fil-kumpanija Bonnici Bros. Ltd. u qal li kien tqabbad jaghmel xi xoghol minn Karkanja Ltd. fin-Naxxar. Zied li qabel ma saru x-xogholijiet kien hemm xi laqghat mal-Kunsill u mal-Pulizija kif ukoll kien hemm prezenti ta' l-ADT. Qal li kien intlahaq ftehim kif ser isir ix-xoghol. Basta jzommu mal-ftehim li kellhom u li ma jigux miksura ebda regoli. U ghalhekk ma ssemma l-ebda hlas - hlas ta' lira fir-rigward tal-permess li kienet thallset normalment. Semma li kienu qalghu l-bankina minn hemmhekk u kienu ghamlu *offset* ir-*roundabout* u s-*central strip* biex imbghad seta' jaghmel il-

blokok kif riedu huma u kif kien mehtieg minhabba ragunijiet ta’ *health and safety*.

In kontro-ezami qal li hallsu darba biss il-permess ghall-*crane* fit-triq.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Gilbert Bonnici</u>, iben Emanuel Bonnici, li jiggestixxi l-impriza Bonnici Bros. Ltd. u li jahdem ma’ din l-intrapriza. Fl-2005 kien inkarigat minn Euchar Vella ta’ Karkanja Limited biex jaghmel xoghol ta’ bini fit-Triq Nutar Manuel Debono, Naxxar. Sar xoghol ta’ demolizzjoni u tahmil. Peress li riedet tinghalaq it-triq temporanjament, kienu qalu lil Vella biex jiehu hsieb ghall-permess tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Euchar Vella</u>, direttur ta’ Karkanja Limited, liema socjeta` hija proprjetarja ta’ blokk appartamenti u garaxxijiet fi Triq in-Nutar Debono, Naxxar. F’Ottubru 2005 beda l-iskavar. Kien hemm anke laqghat u wara t-twaqqigh tpoggew *bollards* tal-*concrete* fuq il-bankina, u t-triq ckienet ghal *one way*. Insista li ma sar ebda depozitu ta’ materjal fuq il-bankina u fit-triq kif jallega l-Kunsill Lokali. Irrefera li fil-laqgha ta’ l-2005 ma kien issemma xejn dwar hlasijiet. Semma li meta l-bini kien tela’ sar-*road level*, tnehhew il-*bollards* u ghamlu *hoarding wall*.

In kontro-ezami qal li fil-laqgha kien sar ftehim bejn kulhadd, inkluz l-ADT u l-Pulizija. Spjega li n-nies ma kellhomx access ghal dik il-parti tal-bankina fejn kienu qed isiru x-xogholijiet. Ikkonferma li kellhom *enforcement notice* mill-MEPA.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***<u>D1. Fatti fil-qosor:</u>***

Ir-rikors *de quo* jirrigwarda xogholijiet li bdew fix-xahar ta’ Ottubru 2005 u zmien wara u matul dawn ix-xogholijiet sar depozitu ta’ materjal fuq bankina kif ukoll fit-triq, precizament fi Triq Nutar Debono kantuniera ma’ Triq il-Parrocca, Naxxar. Dan gie konfermat minn Segretarju tal-Kunsill Lokali, Naxxar, Paul Gatt, kif ukoll minn Clifton

Fenech, *Works Officer* mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, li esebew ritratti f'dan ir-rigward. Dan gie sostanzjalment michud minn Euchar Vella, direttur ta' Karkanja Limited. Ghalhekk il-Kunsill rikorrenti insista li s-socjeta` intimata agixxiet b'mod abbuziv u illegali talli fit-twettiq ta' tali xoghol ma irrispettatx dawk l-obbligi rikjesti mil-ligi, partikolarment dawk taht Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 119 ta' 2002. Ghalhekk il-Kunsill talab id-danni kawzati minn tali agir tas-socjeta` intimata, liema danni ghandhom jigu likwidati *ai termini* ta' l-Artikolu 3 ta' Skeda C ta' dan l-imsemmi Avviz Legali. Esebixxa prospett a fol 70 tal-process.

Illi s-socjetà intimata sostniet li t-talba tal-Kunsill Lokali mhux fondata billi ma iddepozitat ebda materjal ta' kostruzzjoni fuq il-bankina jew fuq it-triq, jew jekk ghamlet, dan l-ammont li ghandu jithallas lill-Kunsill Lokali rikorrenti m'huwiex ghal danni izda *ope legis* bhala mizata. Minhabba f'hekk ir-rikors tar-rikorrenti kien irritu u null u t-talba ghandha tigi michuda.

***<u>D2. Kunsiderazzjoni ta' fatt dwar jekk il-konvenuta iddepozitatx materjal tal-bini fit-triq:</u>***

Is-socjeta` intimata ikkontestat l-fatt li hija iddepozitat xi materjal, fit-triq jew fuq il-bankina, li minhabba fih kienu jiskattaw id-dispozizzjonijiet partikulari ta' l-Avviz Legali Nru. 119/2002. Sostniet li l-*concrete block*s li ghalihom issir referenza fl-*invoices* huma l-hajt ta' qlugh, jew ahjar is-*safety hoarding* li l-intimata kienet marbuta li ddawwar is-sit taghha fit-termini tal-ligi sabiex tevita access da parti tal-pubbliku ghal sit ta' kostruzzjoni.

Mir-ritratti pprezentati ma' dan l-affidavit jidher car li l-ostakoli li nholqu fuq il-bankina u t-triq in kwistjoni, hsarat li nholoqu mis-socjetà intimata, kif ukoll id-depozitu ta' materjal ta' bini li thalla mis-socjetà intimata (ara partikolarment ritratti f'pagni 8, 9, 11).

Dan gie konfermat mis-Segretarju tal-Kunsill Lokali, Naxxar, Paul Gatt li xehed dettaljatament b'mod li wera li jaf sewwa x'kien qieghed jghid. Hu ta d-dettalji kollha ta' dak li sar b'mod li ma jhalli ebda dubju f'mohh il-gudikant.

Dak li xehed sostnieh ukoll bid-dokumenti. Xehed ukoll Clifton Fenech, *Works Officer* mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Min-naha l-ohra x-xhieda tas-socjeta` intimata mhux kredibbli.

***<u>D3. Regolament 7 ta' l-Avviz Legali 119 tas-sena 2002:</u>***

Id-disposizzjonijiet tar-Regolament 7 ta' l-Avviz Legali 119 tas-sena 2002 jiddisponu hekk:
"Hadd ma jista' jqiegħed jew iħalli li jitqiegħed depositu ta' materjal tal-bini jew materjal iehor jew xi oggetti f'xi triq, minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali (ara sub-regolament (1)."

Meta hekk mitlub mill-Kunsill Lokali u malli jsir il-hlas skond kif stabbilit fi Skeda C li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, l-applikant ghandu jhallas ghas-servizz ta' gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku. Il-hlas ikun kif hemm stabbilit fi Skeda A li tibsab ma' dawn ir-regolamenti (ara sub-regolament (4)."

It-tieni Regolament ta' l-istess Avviz Legali jaghti definizzjoni tat-terminologija "applikant" li jghid li jinkludi:
"kull individwu, ghaqda jew korp ta' persuni, jew entità ohra, li taghmel applikazzjoni lill-Kunsill taht dawn ir-regolamenti" (ara Regolament 2);

Jekk stess huwa veru li d-Diretturi ta' l-intimata qatt ma gew mgharrfa dwar l-ammont li jakkumulaw skond Avviz Legali 119 ta' l-2002 mill-Kunsill Lokali stess, ma jistax inehhilhom r-responsabbilta` ghall-pagament. Min-naha l-ohra irrizulta li l-Kunsill kien ta' spiss jibghat *invoices* ghall-pagament skond Regolament 7, (ara affidavit tas-Segretarju Ezekuttiv pagni 3 u 4, u *invoices* kif ipprezentati fil-process mmarkati "Dok D", "Dok G", u "Dok H").

Illi Regolament 7(3)(a) ta' l-Avviz Legali 119 tal-2002, jipprovdi hekk:
"L-applikant ikun obbligat li jqiegħed dawl adegwat ma' nzul ix-xemx fuq il-materjal depositat"; kif ukoll f'paragrafu (c) ta' l-istess Regolament huwa provvdut hekk: "li

jaghmel dawk il-marki kollha li jkunu necessarji sabiex jigi evitat kull periklu."

***D4. It-talba tal-Kunsill Lokali attur:***

Il-Kunsill specifika li l-ammont globali li huwa dovut lilu jammonta ghal tnejn u hamsin elf sebgha mija u sittax-il Ewro (€52,716) kif jidher a fol 70 tal-process - Dok D anness ma' l-affidavit tas-Segretarju Ezekuttiv Paul Gatt, Minn dan jirrizultaw l-ammonti hekk kif akkumulaw mit-28 ta' Ottubru, 2005 sal-31 ta' Mejju, 2008. Il-perijodu bejn is-26 ta' Awwissu, 2005 u t-30 ta' Ottubru, 2005 huwa immarkat bhala zero u ghax f'dan il-perijodu z-zona xorta ma kenitx accessibbli minhabba li kien ghaddej xoghol ta' tip iehor fi Triq il-Parrocca. Anqas ma gew segwiti r-rekwiziti tar-Regolament 7 sub-artikolu 2.

***D5. Il-mod kif gew formulati t-talbiet:***

Il-Kunsill rikorrenti ghamel it-talbiet tieghu b'dan il-mod:

"1. Tghaddi sabiex tiddeciedi li l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa abbuziv u illegali u dan ghaliex ma akkwistatx il-permess necessarju sabiex isir id-depozitu ta' materjal u dan *ai termini* ta' Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002;

2. Tghaddi sabiex tillikwida d-danni *ai termini* ta' Artiklu 3 ta' Skeda C ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002;

3. Tghaddi sabiex tordna l-hlas tad-danni hekk kif likwidati kontra s-socjeta` konvenuta."

Dwar it-talba biex il-Qorti tiddeciedi dwar l-agir tas-socjeta` intimata, ma hemmx problemi, izda s-socjeta` intimata fl-eccezzjonijiet taghha semmiet li l-ammont *se mai* pagabbli mhux pagabbli *in linea* ta' danni *bensi` ope legis* bhala mizata, u li ghalhekk l-azzjoni odjerna prezumibilment akwiljana, hija irrita u nulla. Infatti, fin-

nota tieghu l-konsulent legali ta' l-intimata jargumenta hekk:
"Sabiex tirnexxi din it-talba, fis-sura moghtija lilha mill-attur innifsu, ikun mehtieg li l-attur jipprova l-att illecitu da parti tal-konvenuta, li dan l-att illecitu kkaguna xi danni finanzjarji lill-attur, illi dawk id-danni gew ikkagunati bhala rizultat dirett tal-azzjoni illecita da parti tal-konvenut, u mbaghad irid jghaddi ghall-prova tal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni finanzjarji sofferti minnu bhala rizultat tal-att illecita kompjut mill-konvenut.

Minn dan kollu l-attur ma ghamel xejn ghaliex minflok ma ttratta l-kawza tieghu bhala kawza ibbazata fuq il-kolpa akwiljana da parti tal-konvenut, huwa ttratta l-kawza tieghu fuq kawzali u premessi differenti minn dawk li bihom gie fformulat ir-rikors guramentat. L-attur fil-fatt imbaghad abbanduna l-premessi tar-rikors gurament tieghu ghal kollox u qieghed jippretendi li l-azzjoni akwiljana intentata minnu tigi ttrattata bhala azzjoni ghal hlas ta' mizata dovuta *ope legis*."

A bazi ta' dak fuq imsemmi, l-intimata targumenta li l-Qorti hija marbuta mal-parametri formulati u importanti li toqghod attenta ghall-principju ta' l-*extra petita* u *ultra petita*.

Dan hu kaz verament sfortunat li minhabba l-principji legali socjeta` ghamlet li riedet, ma hallsitx dak li suppost u sejra tehlisha lixxa minhabba aspetti legali. Huwa veru li t-tieni talba hija zbaljata ghax ma hemmx danni x'jigu likwidati, izda mizati x'jithallsu. Minhabba f'hekk, ghalkemm is-socjeta` intimata kellha thallas mizati lill-Kunsill, ser jirnexxilha tiffranka dak li hu dovut minhabba l-aspetti legali formalistici tal-kawza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, ghalkemm il-Qorti tiddikjara li l-agir tas-socjeta` intimata kien abbuziv u illegali ghax ma akkwistatx il-permessi necessarji u ma hallsitx dak preskritt mil-ligi, izda peress li t-tieni talba hija likwidazzjoni ghal danni u mhux hlas ta' mizati, ikollha

tilqa’ t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` intimata u tiddikjara l-azzjoni irrita u nulla u t-talba tigi rigettata.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------